**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2023**

Numru 10

**Appell Nru. 2/2023**

**Flimkien ghal Ambjent Ahjar u Jamie Mercieca**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi u**
**l-kjamat in kawza Mark Portelli ghan-nom ta’ MIDI plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi interessati tat-30 ta’ Jannar 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta’ Jannar 2023 li biha cahad l-aggravji tal-istess appellanti u li minnhom qed isir dan l-appell.

Il-proposta ta’ Mark Portelli f’isem MIDI plc EA15/17 hi ’Development of Manoel Island comprising of a mixed-use development incorporation residential, commercial and leisure facilities which will, in part, overlie subterranean parking facilities;

upgrading of the existing marina including the installation of a floating breakwater; sports facilities for the local community; public amenities; a hospitality offering and a Centre for the Arts and Culture. The proposal includes the restoration, adaptive re-use and inclusion of the cultural heritage buildings and identified archaeological sites which will form an integral part of the development. The proposal also includes the development of large public open spaces, comprising predominantly softscapes and hardscaped open area, piazzas, streets, promenades and the regeneration of the glacis park around Fort Manoel. These public open spaces will make up a large proportion of the project's footprint. The proposal also contemplates the development of a new bridge from Triq ix-Xatt onto Manoel Island and the dredging and widening of the channel between Manoel Island and the Gzira mainland to aide sea water circulation and seacraft access around the island. The development incorporates the restoration and reuse of part of the existing bridge to become a belvedere point', fil-fond li jinsab fi Site at Manoel Island, Gzira;

Rat ir-risposta tal-ERA li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant MIDI plc li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ghal fini ta' dan l-appell l-appellanti jressqu l-kronologija tal-fatti hekk:

a. Illi I-masterplan PA 9407/17 dwar il-progett ta' Manoel Island kien gie approvat mill-Awtorita tal-lppjanar nhar is-7 ta' Marzu 2019 (decizjoni ppubblikata fl-20 ta' Marzu 2019) u minn din id-decizjoni I-ghaqda esponenti kienet resqet appell fis-16 ta' April 2019 quddiem it-Tribunal (Appell Numru PAB 149/19) li fih ressqet diversi aggravji, fosthom in-nullita tar-rapport shih tal-EIA in kwantu saret dikjrazzjoni frawdolenti da parti tal-Perit Edward Said li kienet tghid li ma kellu l-ebda kunflitt ta' interess fir-redazzjoni tieghu meta tqis li (i) kien iben wiehed mid-diretturi tal-MIDI PLC u (ii) kien perit ewlieni fid-ditta ta' periti li tingaggja l-istess MIDI PLC biex tassistiha fi zvilupp f'Manoel Island stess.

b. Illi nhar is-17 ta' Gunju 2020 it-Tribunal sab li verament kien hemm kunflitt ta' interess mill-konsulent koncernat u li kien iffirma dikjarazzjoni ta' indpendenza u imparzjalita falza. Ghal din ir-raguni t-Tribunal iddecieda hekk:

"Ghaldaqstant dan it-Tribunal jirrileva li hekk kif dan il-kunflitt ta' interess ma giex eliminat, il-parti tar-rapport tal-EIA redatt mil-Perit Said huwa afflitt minn kunflitt ta' interess kif fuq inghad, u la darba ir-rapporti jikkostitwixxu r-rapport tal-VIA huma miktuba b'tali mod li huma koordinati ma' xulxin u pprezentati b'lmod koerenti", (regolament tal-L.S. 549.46, I-istess rapport tal-EIA huwa null fl-intier tieghu stante li ma twettaqx kif suppost u b'mod konformi mar-regolamenti u I-ligijiet sucitati. In vista ta' dan it-Tribunal sejjer jibghat I-atti lura mill-gdid lill-Awtorita sabiex jigi sottomess ir-rapport taI-EIA mill-gdid. Ghaldaqstmt ma hemmx lok ghal dan it-Tribunal li jinvesti fil-kumplament tal-aggravji sollevati mill-ghaqda appellanti.
…
Ghal dan il-motivi it-Tribunal qieghed jilqa' limitatament dan I-appell billi jirrinvija u jirrimanda I-atti lura lill-Awtorita fl-istadju ta' qabel I-EIA sabiex fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, I-EIA jerga' jigi sottomess mill-gdid.'

c. Illi b'konsewgenza ta' dik id-decizjoni l-ERA ordnat lill-applikanti sabiex jergghu jissottomettu l-EIA mill-gdid (ghalhekk aktar il-fuq gie referut bhala EIA "de novo"). Illi r-rapport tal-EIA l-gdid gie pprezentat fi Frar 2021 u saret Iaqgha pubblika dwaru nhar il-24 ta' Marzu 2021.

d. Illi l-ERA rrifjutat kull osservazzjoni mressqa mill-ghaqda esponenti izda ordnat evalwazzjoni supplementari tal-punti di vista mill-Gzira lejn il-Belt Valletta.

e. Illi minkejja li l-evalwazzjoni sabet li l-impatt kien sinjifikattiv hafna, ma saret ebda rakkomandazzjoni ghall-modifiki tal-progett u l-EIA gie approvat mill-Bord tal-ERA nhar l-4 ta' Gunju 2021.

f. Illi ghalhekk l-ghaqda esponenti intavolat appell quddiem it-Tribunal u dan sabiex dak l-Onorabbli Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-ERA bilii jannulla l-EIA EA 0015/17.

g. Illi ta' min isemmi illi fil mori ta' dak l-appell, l-applikant MIDI PLC biddlet id-deskrizzjoni tal-progett tal-applikazzjoni PA 9407/17 billi fost l-ohrajn nehhiet kull riferenza li l-applikazzjoni kienet emenda tal-permess ODP PA 2185/94. Din l-applikazzjoni giet approvata mill-Bord tal-lppjanar nhar f'Settembru 2021.

h. Illi l-masterpÌan PA 9407/17 rega' gie approvat mill-Awtorità fis-16 ta' Settembru 2021 meta l-appell kontra l-EIA kien ghadu ghaddej.

Illi fl-isfond tal-fatti hawn fuq elenkati l-esponenti ressqet ghall-gudizzju tat-Tribunal ghaxar aggravji sabiex in sostenn tat-talba taghha illi l-EIA 'de novo' ma sarx kif trid il-ligi, kontra d-decizjoni tat-Tribunal tal-10 ta' Gunju 2020 u kif ukoll li kien jidifetta sostanzjalment fil-merti tieghu.

Illi permezz ta' deciizoni proferita nhar l-10 ta' Jannar 2023 it-Tribunal cahad l-appell u ddecieda hekk:
"jikkonferma d-decizjoni mehuda mill-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA) fl-4 ta' Gunju 2021 fir-rigward tal-Environment Impact Assessment (EIA) b'numru ta' referenza EA 15/17".

L-aggravji tal-appellanti huma kif gej:

1. It-Tribunal inkorra zball ta' interpretazzjoni legali tad-decizjoni tieghu stess tas-17 ta' Gunju 2020 meta ma laqax l-aggravju tal-appellanti li meta t-Tribunal fid-decizjoni tieghu tas-17 ta' Gunju 2020 (PAB 149/19) ordna li jsir Environment Impact Assessment (EIA) mill-gdid dan kien ifisser li l-process shih tal-EIA isir mill-gdid mhux biss ir-rapport;

2. Is-seba' aggravju tal-appellanti kien fis-sens li ghalkemm il-konsulenti ghandhom ikunu professjonali, indipendenti u imparzjali skont regolament 17(2) fil-legislazzjoni sussidjarja 549.46 ma jistax jilhqu dawn il-kriterji jekk il-koordinaturi u l-konsulenti huma mqabbda u imhallsa mill-izviluppatur. It-Tribunal ma laqax dan l-aggravju ghaliex ir-regolament 17(1) jimponi fuq l-izivluppatur biex jikkommissjona l-EIA u dan ma jammontax ghal kunflitt ta' interess kif irid ir-regolament 549.16. B'zieda qal ukoll li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal mhix intiza biex tissindaka l-validita kostituzzjonali ta' regolament. L-appellanti jsostnu illi l-aggravju ma kienx intiz biex jattakka l-ligi izda li l-kriterji professjonali mehtiega fil-koordinatur u l-konsulent li jehtiegu distakk ta' rabta ekonomika u professjonali tal-istess mill-izviluppatur;

3. Dan l-aggravju jirrigwarda c-cahda tal-ghaxar aggravju taghha f'certi aspetti rilevati. Dawn huma:

i. Billi d-decizjoni tat-Tribunal precedenti tas-17 ta' Gunju 2020 kienet li l-process tal-applikazzjoni PA9407/17 kellu jitregga lura ghal perjodu ta' qabel l-EIA, dan kien ifisser li l-ODP9407/17 gie annullat u l-EIA kellu jsir fuq l-istat originali tas-sit qabel il-permess u fuq il-baseline li kien hemm meta sar l-ewwel EIA. Dan ma setax isir b'referenza ghal Bovile tal-kwarantina billi kien gie demolit bil-permess PA7781/18 li inhareg a bazi tal-PA9707/17 l-EIA l-gdid kellu jevalwa r-rilevanza tal-binja u jaghti parir dwarha. Ghalhekk ir-rapport il-gdid tal-EIA mhux komplut. Il-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza taghha tas-16 ta' Marzu 2022 qalet li ebda permess iehor procedenti jew sussegwenti fuq applikazzjoni ohra ma jista' jigi kunsidrat biex jigi salvat.

ii. L-Economic Impact Assessment skont regolament 17(2) tal-L.S. 549/16 sar mill-izviluppatur u l-konsulenti PWC iddikjaraw li ma ivverifikawx il-figuri u ma refghu ebda responsabilta. It-Tribunal astjena milli jikkunsidra l-ilmenti tal-appellanti ghalkemm hu parti integrali mill-EIA u l-koordinatur jirreferi ghalih bhala rapport ta' PWC.

iii. L-istudju fuq il-kwalita tal-arja fuq stimi ta' traffiku generat bl-izvilupp mhux imparzjali u migbur b'metodu indipendenti billi l-informazzjoni giet migbura mill-izviluppatur. It-Tribunal strah fuq l-adozzjoni tar-rapport min Transport Malta u l-MEPA, u l-uzu ta' tali informazzjoni skont it-Tribunal kienu konformi mat-terms of reference tal-EIA. L-appellanti jsostnu li r-rapport sar mid-ditta ADI kommissjonata mill-izviluppatur bla dikjarazzjoni ta' indipendenza u imparzjalita u strahu fuq informazzjoni mghoddija mill-izviluppatur stess rigward binjiet residenzjali u kummercjali.

iv. Ma inghatat ebda konsiderazzjoni ghal fatt li l-progett ser jirrovina veduti protetti bhala area of high landscape value li jmur kontra policies tal-iSPED u fil-pjan lokali apparti policies NHCV01, NHSE07 u NHSE08 liema zvilupp ser jipperikola l-istatus tal-Belt Valletta bhala UNESCO World Heritage site.

v. Ma sarux studji fuq l-impatt fuq is-sahha tal-bniedem u dawk socio-ekonomici kif miltuba mir-regolamenti u d-Direttiva Ewropea. It-Tribunal qies li ma gewx mitluba fit-terms of reference ghalkemm ma tezonerax awtoritajiet ohra milli jitolbuhom jekk jinhass il-bzonn. It-Tribunal hu zbaljat ghax tali studji huma necessarji u ghandhom isiru fil-process tal-EIA mhux tintefa r-responsabilta fuq awtoritajiet ohra.

**L-ewwel aggravju**

L-appellanti ma ghandhomx ragun f'dan l-aggravju. L-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal ta' dak li ried it-Tribunal precedenti bid-decizjoni tas-17 ta' Gunju 2020 hi wahda logika u ragonevoli. F'dik id-decizjoni t-Tribunal qal b'mod esplicitu 'l-istess rapport hu null fl-intier tieghu' u zied 'it-Tribunal sejjer jibghat l-atti lura mill-gdid lil Awtorita sabiex jigi sottomess ir-rapport tal-EIA mill-gdid'. Fid-decide mbaghad qal li l-atti jigu rimandati lura lil Awtorita fl-istadju ta' qabel l-EIA sabiex fid-dawl ta' dak kunsidrat l-EIA jerga' jigi sottomess. Ir-referenza hi cara u intiza ghar-rapport biss ghax li kieku t-Tribunal kien qed jirreferi ghal process kollu tal-EIA ma kienx juza l-kelma 'sottomess'. Il-parti dizpozittiva ta' decizjoni trid tinghata s-sens logiku mill-kunsiderazzjonijet li jwasslu lil gudikant ghal dak id-decide. F'dan il-kaz din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li iddecidiet fuq dan l-aggravju u ghalhekk qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dwar dan l-aggravju t-Tribunal qal hekk:

> It-Tribunal jirreferi ghar-regolamenti 17(1), 17(2) u 17(3) tal-legislazzjoni sussidjarja 549.46 liema regolamenti jipprovdu ssegwenti:
> *"17. (1) L-izviluppatur ghandu jkun responsabbli ghall-ikkummissjonar tar-rapport tal-VIA skont dawn irregolamenti.Konsulenti ghall-valutazzjoni.*
> *(2) Il-konsulenti involuti fil-preparazzjoni tar-rapport tal-VIA ghandhom ikunu professjonisti, indipendenti u imparzjali, ughandhom ikunu esperti kompetenti kif suppost fl-oqsma rispettivi tal-valutazzjoni. Il-konsulenti ghandhom ikunu registrati skont id-dispozizzjonijiet tal-Att galadarba dak il-mekkanizmu ta' registrazzjoni jkun gie fis-sehh, u ghandhom ukoll isegwu r-regolamenti, proceduri, regoli u linji gwida stabbiliti mill-Awtorità u mill-Bord ta' Registrazzjoni. Il-konsulenti ghandhom jitmexxew u jkunu gestiti minn koordinatur, li ghandu jkun responsabbli ghall-kontenut globali u l-prezentazzjoni tar-rapport tal-VIA.*
> *(3) Il-konsulenti ghandu jkollhom l-obbligu li jiffirmaw dikjarazzjoni li m'ghandhom ebda kunflitt ta' interessi li jista' jaffettwa xi aspett kopert minn dawn ir-regolamenti. Din id-dikjarazzjoni ghandha tkun konformi mat-termini u l-ispecifiki li tkun stabbiliet l-Awtorità."*
>
> Illi l-estratti supra citati jikkonfermaw dak li gie ndikat fir-risposta tal-ERA, ghaliex filwaqt li r-regolamenti 17(2) u 17(3) jesigu li lkonsulenti mqabbda ghandhom ikunu indipendenti u imparzjali, u ghandhom l-obbligu li jiffirmaw dikjarazzjoni f'dan ir-rigward, ir-regolament 17(1) jimponi l-obbligu fuq l-izviluppatur sabiex jikkummissjona r-rapport tal-EIA, u ghalhekk tali azzjoni (ossia li kkummissjonar r-rapport tal-EIA mill-izviluppatur) ma jammontax ghal kunflitt ta' nteress kif mifhum fl-istess legislazzjoni sussidjarja 549.46. Illi l-Awtorita responsabbli, ossia l-ERA hija obbligata li timxi mal-procedura stabbilita f'dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe nuqqas ta' konformita ma' dawn ir-regolamenti, bhal per ezempju n-nuqqas t'imparzjalita tal-koordinatur li qed tigi kkontestata fit-tmien aggravju fl-appell odjern, ghandha tigi mistharrga, kif ser jaghmel dan it-Tribunal fl-aggravju segwenti.
>
> Illi madankollu, kif gie ndikat fir-risposta tal-ERA, il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal m'hijiex estiza sabiex jissindika ligi nazzjonali, ghaldaqstant kwalunkwe lment fir-rigward tal-validita' kostituzzjonali ta' dawn ir-regolamenti, fil-kaz odjern specifikament ir-regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.46, jista` jigi mressaq quddiem il-forum relattiv, pero f'dan l-istadju certament imur oltre l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.
>
> Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad dan l-aggravju.

Ghalkemm l-appellanti ghandhom ragun li l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal rigward l-validita Kostituzzjonali tar-regolamenti ma kinitx l-aggravju kif impostat mill-appellanti, l-appellanti ma ghandhomx ragun jilmentaw minn xi nuqqas kif inhi maghmula l-legislazzjoni sussidjarja a rigward tal-konnessjoni o meno tal-koordinatur u l-konsulenti. Hi l-ligi stess kif trasposta mid-direttiva Ewropea li tesigi li l-

izviluppatur iqabbad u jhallas lil imsemmija persuni biex ikun jista' jigi redatt l-EIA liema rapport hi responsabilta tal-izviluppatur. Il-ligi timponi fuq il-persuna mqabbda rekwiziti cari ta' indipendenza u imparzjalita u professjonalita fl-operat taghha. Ma jfissirx b'daqshekk li dawn ir-rekwiziti a priori huma pregudikati bil-fatt biss li l-izviluppatur ihallas ghal servizz mitlub minnu skont il-ligi. L-izviluppatur ghandu jassigura l-kwalita u kompetenza tal-esperti mqabbda minnu. Wara kollox darbaipprezentat ir-rapport tal-EIA, dan hu suggett ghal skrutinju mill-istess ERA b'dak kollu li tipprovdi l-istess ligi fl-artikolu 23 ta-Kap. 549 biex jigi salvagwardat l-interess tas-socjeta fl-idonjeta u kredibilita u affidabilita tal-istess EIA u n-nies kollha involuti. F'kaz ta' nuqqas kommess minn xi wiehed mill-professjonisti involuti hemm rimedju disponibbli kif gia intwera fl-istess process aktar lura fiz-zmien.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju maqsum f'hames ilmenti li ser jigu trattati wiehed wiehed.

L-ewwel ilment ma fihx mis-sewwa billi kif gia kunsidrat hu biss ir-rapport tal-EIA li kellu jigi redatt mill-gdid mhux il-process kollu tal-EIA. Ghalhekk b'dik id-decizjoni l-PA9407/17 ma giex annullat. In kwantu ghall-ilment dwar il-bovile tal-kwarantina, din il-kwistjoni jidher li ghadha pendenti quddiem l-Awtorita wara s-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Marzu 2022, u t-Tribunal fid-decizjoni tieghu indika li jkun prematur li jiddeciedi fuq il-kwistjoni. Il-Qorti izzid illi l-ilment dwar il-bovile ma kienx aggravju per se waqt l-appell quddiem it-Tribunal (ara tmien aggravju) billi dan sar in konnessjoni man-nuqqasijiet attribwibbli lil koordinatur.

It-tieni ilment ukoll mhux misthoqq billi ma kienx jifforma parti mit-terms of reference u gie mdahhal fir-rapport tal-EIA bhala dokument supplimentari jew supporting document dwar il-viabilita finanzjarja tal-progett. Dan l-istudju mhux parti integrali mill-process tal-EIA u semmai hi kwistjoni ta' ippjanar mhux fil-mansjoni tal-ERA.

It-tielet ilment ukoll ma fihx bazi legali. Fl-ewwel lok ma hemm xejn li jiprojbixxi lil izvilippatur milli jitlob is-servizzi ta' terzi ghal studju simili. Fit-tieni lok nota 10 tat-terms of reference jghid:

> *"Note 10: Wherever any baseline studies required by these Terms of Reference is covered by already-existing data, such data should be used in preference to unnecessary duplication of baseline studies, unless the consultants or ERA or both are of the opinion that the existing data is unavailable, incorrect, outdated, unreliable, insufficient, or otherwise inadequate for the purpose of the EIA."*

It-Tribunal qies li dan hu studju supplimentari ghat-Transport Impact Assessment li sar fl-2018 liema studju kien studjat u approvat min Transport Malta u Transport Planning Unit tal-MEPA. It-Tribunal izid:

> Dan juri li l-imsemmija studji ma gewx sempliciment ikkummissjonati mill-izviluppatur, izda tali studji gew ukoll mistharrga u sussegwentament konfermati kemm min *Transport Malta* kif ukoll mill-istess Awtorita tal-Ippjanar. Gialadarba huwa nkorraggut mill-istess ERA fit-ToR mahruga li fir-rapport tal-EIA sabiex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' nformazzjoni u studji, u dawn l-istudji gew ikkunsidrati bhala adekwati mill-awtoritajiet koncernati, fil-fehma tat-Tribunal l-uzu tal-informazzjoni tat-*traffic counts* u *traffic generation* fir-rapport tal-kwalita tal-arja li jaghmlu referenza ghal dawn l-istudji m'humiex ikkunsidrati bhala affettwati b'kunflitt ta' nteress u ghaldaqstant tali rapport huwa wiehed validu u konformi mat-ToR.

Billi dan allura isir punt ta' fatt, din il-Qorti ma tiddisturbax tali apprezzament.

Fl-ahhar ghalkemm hu minnu illi s-socjeta ADI li ghamlet l-istudju giet imqabbda mill-konsulent u ma jidhirx li ghamlet dikjarazzjoni ta' imparzjalita u indipendenza, pero jibqa' l-fatt illi l-istudji gew mistharga minn awtoritajiet indipendenti li taw il-fiat taghhom. Ghalhekk dan in-nuqqas procedurali ma hux bizzejjed biex iwaqqa' l-validita tar-rapport.

Ir-raba' ilment jirrigwarda apprezzament ta' kwistjonijiet teknici mhux legali. Madankollu jirrizulta minn qari tal-konsiderazzjonijiet fl-ghaxar aggravju quddiem it-Tribunal taht it-titlu 'Studju dwar l-impatt vizwali' jidher car li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-ilmenti tal-appellanti u qies li mir-rizultanzi tal-istudju ma dehrlux li kien hemm nuqqas fil-process tal-EIA. Il-fatt li ma qabilx mal-ilmenti ma jfissirx li ma ikkunsidrahomx.

Il-hames ilment, it-tribunal qies li fis-sezzjoni 4.3 tar-rapport tal-EIA l-effetti fuq il-bniedem gew identifikati u huma konformi mat-terms of reference f'sitt suggetti cioe land and sea uses, landscape and visual amenity, marine water quality, air quality, greenhouse gases. In oltre l-Enviornmental Health Directorate irrakomanda diversi aspetti tal-progett. Mhux hekk biss izda l-koordinatur iddikjara li rigward is-sahha pubblika kull osservazzjoni tad-direttorat kienet ser tittiehed in konsiderazzjoni fid-dettalji tal-progett. Ghalhekk ma jistax jinghad kif hu ilmentat li ma sarux studji jew li t-Tribunal qies li dan kien kompitu tal-Awtorita.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' Jannar 2023. Spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur